MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2005

Appell Civili Numru. 2487/1997/1

**General Cleaners Co. Ltd.**

**v.**

**Accountant General, id-Direttur tal-Kuntratti, ic-Chief Government Medical Officer**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B’citazzjoni prezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta’ Ottubru, 1997 is-socjeta` attrici ppremettiet illi s-socjeta` General Cleaners Co. Ltd toffri servizzi ta’ tindif kif ukoll servizzi ancillari; illi s-socjeta` attrici kienet ghamlet offerta ghall-ghotja ta’ Tender mahrug mid-Dipartiment tal-Kuntratti numru 501/96 ghal xogholijiet ta’ tindif u servizzi ancillari ghall-isptar San Luqa – Dipartiment tas-Sahha, avviz ta’ liema tender deher fil-harga tal-Gazzetta tal-Gvern tat-23 ta’ Lulju, 1996; illi fl-20 ta’ Awissu, 1997, id-Direttur tal-Kuntratti baghat lis-socjeta` attrici Notice of Acceptance li fiha accetta l-offerta tas-socjeta` attrici, kopja ta’ liema hi hawn annessa u mmarkata Dokument A; illi din l-accettazzjoni giet ikkonfermata b’Letter of Acceptance iktar dettaljata tal-21 ta’ Awissu, 1997, kopja ta’ liema hi hawn annessa u mmarkata Dokument B; illi meta l-offerta tas-socjeta` attrici giet accettat(a) gie kkostitwit kuntratt bejn il-partijiet; illi s-socjeta` attrici pprokurat garanzija bankarja ta’ sebgha u ghoxrin elf lira Maltija (LM27,500) (sic) favur id-Direttur tal-Kuntratti bhala garanzija ghall-adempiment ta’ l-obbligi taghha taht il-kuntratt; illi dan il-kuntratt jistipola *inter alia* li: “…. the number of cleaners to be utilised on this contract in order to give the desired results and standard of cleanliness is to be of approximately 90.”; illi s-socjeta` attrici kienet qieghda timpjega 95 impjegat fuq ix-xogholijiet ta’ tindif skond it-tender document; illi x-xogholijiet ta’ tindif kellhom jibdew fid-9 ta’ Settembru 1997; illi fid-9 ta’ Settembru, 1997, id-data tal-bidu tal-kuntratt, id-Direttur tal-Kuntratti baghat ittra lis-socjeta` attrici fejn allega li s-socjeta` attrici ma kinitx wettqet l-obbligi taghha billi ma baghtitx in-numru rikjest ta’ haddiema u billi ma fornietx il-haddiema taghha bl-ghodda mehtiega; illi fl-istess gurnata s-socjeta` attrici rrispondiet ghal din l-ittra fejn spjegat li kienet baghtet numru ta’ haddiema bl-ghodda u l-materjal rikjest u dan skond kif kienet ftehmet mad-Direttur tal-Kuntratti; illi fid-19 ta’ Settembru 1997 id-Direttur tal-Kuntratti nforma lis-socjeta` attrici li kien qed jittermina l-kuntratt premess b’effett mill-21 ta’ Settembru 1997; illi din it-terminazzjoni hi abbuziva u llegali u dan peress li, kif ser jintwera tul it-trattazzjoni tal-kawza, is-socjeta` attrici qatt ma kissret il-kundizzjonijiet tat-tender; illi minhabba din it-terminazzjoni

s-socjeta` attrici sofriet diversi danni u hsarat f'telf ta' negozju, imghaxijiet kif ukoll peress li qeghda jkollha thallas hafna impjegati ghal xejn; illi sar id-debitu avviz ta' din il-kawza, kif rikjest mill-artikolu (sic) tal-Kodici ta' Procedura u Organizzazzjoni Civili; dan premess is-socjeta` attrici talbet li dik il-Qorti:-

1. tiddikjara abbuziva u llegali t-terminazzjoni tal-Kuntratt maghmula mill-konvenuti fic-cirkostanzi kif fuq inghad billi l-atturi bl-ebda mod ma kienu inadempjenti f' l-obbligi kontrattwali taghha;
2. tiddikjara konsegwentement lill-istess konvenuti responsabbli ghad-danni kawzati lill-atturi bit-terminazzjoni tal-kuntratt fuq premess;
3. tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta` attrici minhabba t-terminazzjoni llegali da parti tal-konvenuti tal-kuntratt, kif fuq premess, u dan, okkorrendo, permezz ta' esperti nominandi.
4. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici d-danni kif likwidati.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuti in subizzjoni.

B'nota pprezentata fid-19 ta' Frar, 1998 it-Tabib Principali tal-Gvern eccepixxa:-

1. Illi preliminarjament huwa ma hux legittimu kontradittur u ghalhekk gie mharrek inutilment stante illi s-sejha ghat-tenders saret mid-Direttur tal-Kuntratti u l-eventwali "letter of acceptance" kienet indirizzata lis-socjeta` attrici mill-konvenut Direttur tal-Kuntratti. Tali kuntratt ghalhekk ma kien bl-ebda mod vinkolanti versu t-Tabib Principali tal-Gvern a bazi tal-principju 'res inter alios acta.'
2. Illi fil-mertu t-talbiet huma nfondati fil-fatt (u) fid-dritt stante illi ma kienx qed isir ix-xoghol kif stipulat fil-kuntratt stante li ma kienux qed jintbaghtu nies sufficjenti sabiex jaghmlu x-xoghol rikjest fil-kuntratt.

B'nota pprezentata fl-20 ta' Frar, 1998 l-Accountant General u d-Direttur tal-Kuntratti eccepew:-

1. Illi preliminarjament l-Accountant General tharrek inutilment f'din il-kawza u ghandu jkun liberat mill-osservanza tal-gudizzju.
2. Illi fil-mertu t-talbiet ta' l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda.

3. Illi din is-sejha ghall-offerti ghalqet l-ewwel darba fl-20 ta' Awissu 1996 izda nstab illi l-aggudikazzjoni ta' l-offerti mitfugha ma setghetx issir b'mod ekwu u gust minhabba l-fatt li kull te(n)derer kien thalla fil-liberta` li prattikament jiddeciedi hu kemm jiddettalja nies fis-swali rispettivi ta' l-isptar fil-hinijiet indikati. Minhabba li dan hu kuntratt primarjament "labour intensive", dan in-nuqqas fil-kundizzjonijiet tat-tender seta' jwassal biex l-ghazla tkun soggettiva u mhux bazata b'mod trasparenti fuq il-prezz u l-implikazzjonijiet tieghu.

4. Il-Kumitat Generali tal-Kuntratti fis-seduta tieghu tat-3 ta' Gunju, 1997 irrakomanda li d-dirigenti ta' l-Isptar kellhom jaghmlu skeda gdida li:

a) tistabbilixxi l-inqas numru ta' haddiema li setghu jzommu s-swali koncernati fi stat ta' indafa;

b) li allura l-istess skeda kellha turi n-numru preciz ta' haddiema li kellhom jigu ddettaljati mill-kuntrattur fis-swali ta' l-Isptar kif ukoll il-perjodu matul kull gurnata indikata li fih dawn il-haddiema jridu jkunu fizikament prezenti.

Kopja ta' l-iskeda kif mahduma mill-gdid qieghda tigi mehmuza ma' din ir-risposta – Dok A. Din turi b'mod car li n-numru ta' haddiema li kellhom jigu ddetaljati mill-kuntrattur kuljum ma kienx fid-diskrezzjoni tieghu imma kien marbut man-numru ta' haddiema u l-hin li matulu kellhom ikunu fizikament prezenti ghax-xoghol.

5. illi l-kuntratt inghata lill-General Cleaners Co.Ltd fl-24 ta' Awissu 1997 u l-Letter of Acceptance kienet tistipula b'mod car li x-xoghol kellu jsir f'konformita` shiha ma' l-ispecifikazzjonijiet u l-kundizzjonijiet kollha tat-tender.

6. Illi fil-11 ta' Settembru, 1997 il-Kumitat Generali tal-kuntratti kellem lis-Sur Ray Fenech tal-General Cleaners Co. Ltd u talbu jispjega ghaliex kien qed juza 35 haddiem inqas minn dak stipulat fil-kuntratt. Is-Sur Fenech wiegeb li d-ditta tieghu kienet qed tuza bizzejjed nies ghax-xoghol mehtieg. Is-Sur Fenech kien infurmat li l-iskeda tat-tender kienet tindika n-numru preciz ta' haddiema li kellhom jigu ddettaljati fuq ix-xoghol. Huwa nghata z-zmien sa l-ghada f'nofsinhar biex jikkonferma li kien lest li jibghat in-numru ta' haddiema stipulati fl-iskeda.

7. Illi fid-9 ta' Settembru, 1997 c-Chief Government Medical Officer gibed l-attenzjoni tal-General Cleaners Co. Ltd li kienet baghtet 37 haddiema inqas min-numru stipulat fil-kuntratt. Id-ditta giet imwissija li jekk is-sitwazzjoni ma kinitx ser titranga huwa kien ser jikteb lid-Direttur tal-Kuntratti biex jiehu l-passi mehtiega skond il-kuntratt: - Dok B.
8. Illi fit-12 ta' Settembru, 1997 it-Tabib Principali tal-Gvern (CGMO) informa lid-Direttur tal-Kuntratti li "mill-gdid il-General Cleaners Co. Ltd naqset li tibghat in-numru ta' haddiema stipulati fil-kuntratt. Infatti kellha 35 haddiema inqas minn dak stipulat. Il-Kumitat tal-Kuntratti ghandu jikkonsidra serjament li, f'dawn ic-cirkostanzi, jittermina l-kuntratt."; - Dok C.
9. Illi f'ittra ohra datata 15 ta' Settembru, 1997 l-istess ufficjal rega kkonferma li l-General Cleaners Co. Ltd baqghet ma bghatitx in-numru ta' nies stipulati fil-kuntratt u li d-Dipartiment kien ikkunsidra li dan kien ksur tal-kuntratt. Fic-cirkostanzi d-Direttur tal-Kuntratti gie mitlub jikkonsidra l-kuntratt bhala "abandoned" u biex dan jinghata lil kuntrattur iehor, - Dok D.
10. Illi minhabba dan u wkoll il-fatt li t-tindif ta' l-Isptar kien essenzjali li jsir u jsir kif ikkuntrattjat, id-Direttur tal-Kuntratti ma kellu l-ebda alternattiva hlief li jittermina l-kuntratt mghoti lill-General Cleaners Co. Ltd u li jzomm lil din il-kumpanija responsabbli tad-danni li kien ser isofri l-Gvern.
11. Illi ghaldaqstant it-terminazzjoni tal-kuntratt kienet gustifkata. Mhux minnu li t-terminazzjoni saret b'mod abbuziv jew illegali u lanqas m'hu minnu li gew ikkawzati xi danni lid-ditta General Cleaners Co. Ltd. Id-ditta wara li hadet il-kuntratt, naqset b'mod serju u persistenti li timxi mal-kundizzjonijiet ta' l-istess kuntratt, liema kuntratt huwa ta' natura essenzjali ghas-servizzi tas-sahha ta' pajjizna.

**Is-sentenza appellata.**

B'sentenza moghtija fid-29 ta' Novembru, 2001 il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza billi laqghat l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut l-Accountant General u b'hekk illiberatu mill-osservanza tal-gudizzju. Cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut ic-Chief

Government Medical Officer u wara li laqghat l-eccezzjonijiet l-ohra kollha taz-zewg konvenuti d-Direttur tal-Kuntratti u t-Tabib Principali tal-Gvern, cahdet it-talbiet attrici stante li kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici.

A skans ta' ripetizzjoni tal-konsiderazzjonijiet ta' l-ewwel Qorti biex waslet ghad-decizjoni fuq imsemmija qed tigi hawn annessa kopja tas-sentenza tad-29 ta' Novembru, 2001 li ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

**L-appell tas-socjeta` attrici.**

Is-socjeta` attrici hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq imsemmija u b'rikors ipprezentat fit-18 ta' Dicembru, 2001 talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza tad-29 ta' Novembru, 2001 fil-kawza fl-ismijiet premessi u tiddecidi billi tilqa' t-talbiet ta' l-atturi kif dedotti fic-citazzjoni bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati.

B'risposta pprezentata fil-21 ta' Dicembru, 2001 l-Accountant General u d-Direttur tal-Kuntratti qalu li s-sentenza appellata hija gusta u ghalhekk timmerita konferma ghar-ragunijiet minnhom migjuba fl-imsemmija risposta.
It-Tabib Principali tal-Gvern ukoll talab li s-sentenza appellata tigi konfermata.

Fir-rikors ta' l-appell taghha qabel ma s-socjeta` attrici appellanti ghaddiet biex tikkunsidra l-qofol tal-kwestjoni u cioe` dak li jikkoncerna l-interpretazzjoni li ghandha tinghata lill-kuntratt ghall-ezekuzzjoni ta' xogholijiet ta' tindif fl-Isptar San Luqa, l-istess socjeta` qajmet tlett punti preliminari fejn gie sottomess li l-ewwel Qorti kienet skorretta fil-kummenti li ghamlet. Dawn jikkoncernaw:-
a) ix-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta` attrici moghtija b'affidavit billi din giet dikjarata bhala li ma kienitx valida ghaliex ma kienx jidher li giet guramentata;

b) id-dikjarazzjoni ta' l-ewwel Qorti fis-sens li l-attur ma rnexxilux jipprova li forna staff sufficjenti kif rikjest mill-kuntratt; u
c) il-fatt li d-determinazzjoni tal-Kumitat tal-Kuntratti dwar l-interpretazzjoni li kellha tinghata lill-kuntratt kienet definittiva u determinanti.

**Dwar ix-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta` attrici.**

F'pagna 22 tas-sentenza appellata[1] l-ewwel Qorti qalet hekk:-
"Illi hawn wiehed jirreferi ghall-'*affidavit'* ta' Raymond Fenech, Managing Director tas-socjeta` attrici a fol. 86 sa 89 tal-process, u din il-Qorti tinnota fl-ewwel lok li dan l-affidavit ghalkemm iffirmat mill-istess persuna, pero` ma jirrizultax li huwa mahluf, u ghalkemm jidher li l-parti l-ohra fil-kawza ma qalet xejn dwar l-istess, din il-Qorti lanqas thoss li dan ghalhekk ghandu jikkostitwixxi prova f'din il-kawza."

Gie sottomess f'dan ir-rigward li dan in-nuqqas kien rizultat ta' zball in kwantu l-original ta' l-istess affidavit, li allegatament kellu fuqu evidenza li l-istess Raymond Fenech kien halfu, bi zvista gie notifikat lill-kontro-parti.

Fil-verita` dan in-nuqqas u sahansitra l-pronunzjament ta' l-ewwel Qorti ma ghamlu ebda differenza meta giet indirizzata l-kwestjoni principali fil-kawza. Tant hu hekk li l-ewwel Qorti, wara li ppronunzjat ruhha kif fuq riportat, kompliet hekk:-
"Illi pero` bla pregudizzju ghall-premess, l-argumentazzjoni principali ta' l-istess socjeta` attrici hija li l-istess socjeta` ottemperat ruhha mal-istess ftehim stante, li kif spjega l-istess rapprezentant anke fid-dikjarazzjoni tieghu annessa mal-istess citazzjoni, hija kienet timpjega 95 persuna maghha sabiex jahdmu fuq l-istess kuntratt."

Barra minn hekk jigi rilevat ukoll li, meta l-ewwel Qorti kienet qed taghmel rassenja tal-provi prodotti in kawza u

[1] Fol. 160 tal-process.

tirriproduci estratt tax-xhieda moghtija, dik il-Qorti, a fol. 10 tas-sentenza[2], irriproduciet in estenso dak li kien qal l-istess Raymond Fenech fl-imsemmi affidavit. Din il-Qort ghalhekk ma tara li gie kkreat ebda pregudizzju lis-socjeta` attrici.

**Dwar il-prova ta' l-i*staff* provdut.**

Fil-konsiderazzjoniet taghha w wara li ezaminat bir-reqqa l-provi prodotti, l-ewwel Qorti qalet hekk: "*mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjeta` attrici ma kienitx qed twettaq l-obbligi minnha assunti.*" Proprjament din il-kwistjoni hija intimament relatata mal-qofol tal-vertenza u cioe` l-interpretazzjoni li ghandha tinghata lill-kuntratt in kwistjoni. Biss qed jigi rilevat li l-obbligu tas-socjeta` attrici kien li jipprovdi ndafa fil-grad rikjest u mhux li jipprovdi numru ta' impjegati. F'dan ir-rigward din il-Qorti tosserva li ghalkemm huwa minnu li t-tender jispecifika li "The standard of cleanliness to be maintained is to be of the highest quality.", u sahansitra jikkontempla multi f'kaz li dan l-obbligu ma jigix osservat, billi dan id-dmir kien l-ghan principali tal-kuntratt li nghata lis-socjeta` attrici, jibqa' dejjem il-fatt li kuntratt ghandu jinqara fl-intier tieghu u inadempjenza tista` tirrizulta minn xi nuqqas iehor tal-kuntrattur. Inadempjenza li l-ewwel Qorti rravizat.

**Il-Kumitat tal-Kuntratti.**

Is-socjeta` appellanti qed toggezzjona ghall-fatt li l-ewwel Qorti rrikonoxxiet id-dritt tal-Kumitat tal-Kuntratti li jinterpreta l-obbligi kuntrattwali u d-dritt ta' l-istess kumitat li jittermina l-istess kuntratt f'kaz li tirrizulta inadempjenza. Din il-Qorti izda ma ssib ebda logika f'dan l-argument billi l-kuntratt, inkluzi wkoll r-Regolamenti li jifformaw parti integrali minnu, jikkontempla d-dritt hawn fuq oggezzjonat u liema dritt gie rikonoxxut mill-istess socjeta` meta ssottomettiet it-tender. Dan pero` ma jfissirx li d-dritt moghti bil-kuntratt lill-parti wahda mill-kontraenti jipprekludi lill-parti l-ohra mid-dritt ta' access ghall-qrati

[2] Fol. 148 tal-process.

ordinarji specjalment meta tali dritt jigi ezercitat hazin jew b'mod abbuziv. Effettivament din il-kawza hija manifestazzjoni tad-dritt reklamat mis-socjeta` attrici li tikkontesta d-decizjoni ta' l-istess Kumitat tal-Kuntratti. Dan l-aggravju qieghed ghalhekk jigi michud.

Is-socjeta` appellanti oggezzjonat ukoll ghall-fatt li giet akkollata l-ispejjez tal-konvenut Accountant General. Qed jigi sottomess, fi kliem ir-rikors promotur, li "*hu utili li wiehed jiftakar li dan* (cioe` l-Accountant General) *ghandu funzjoni f'l-ghoti u determinazzjoni tal-kuntratti u ghalhekk kien utili li dan jitharrek in gudizzju.*" Izda wara li ezaminat l-atti processwali din il-Qorti taqbel pienament ma dak li qalet l-ewwel Qorti fir-rigward u cioe` li "*Mill-provi prodotti ma jirrizultax konnessjoni bejn l-Accountant General u s-socjeta` attrici*". Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi michud.

**Il-mertu proprju tal-kwistjoni.**

Qed jigi sottomess mis-socjeta` attrici li l-qofol tal-kwistjoni f'din il-kawza hija l-interpretazzjoni li ghandha tinghata lill-kuntratt li dahlu fih l-atturi mal-konvenuti u senjatament lill-klawsola li tinsab fid-dokument intitolat **"Areas to be covered by contract – St Luke Hospital"** fejn jinghad hekk:
"It is expected that the number of cleaners to be utilised on this contract in order to give the desired results and standards of cleanliness is to be approximately 90. The successful tenderer will have to submit a daily list to the Hospital Authorities, of these employees on cleaning duties inside the hospital."

Fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti ssintetizzat il-kwistjoni bil-mod segwenti meta qalet li "*Din il-vertenza in poco* (recte 'poche') *parole hija dwar interpretazzjoni li qed jaghtu z-zewg partijiet ta' din il-klawsola fuq indikata. Is-socjeta` attrici qed tghid illi l-ammont ta' disghin (90) haddiem kellu jkun l-ammont kollu ta' haddiema li kellhom jigu impjegati pero` mhux bilfors kellhom jintbaghtu ilkoll f'daqqa jnaddfu l-Isptar San Luqa, u mill-banda l-ohra l-konvenuti qed ighidu illi dan l-ammont ta' disghin (90) ruh*

*kellhom jintbaghtu kuljum u f'daqqa sabiex jaghmlu x-xoghol ta' tindif."*[3]

Wara li qalet dan l-ewwel Qorti ghaddiet biex taghmel xi konsiderazzjonijiet dwar principji generali li ghandhom jiggwidawha fid-determinazzjoni tal-kwestjoni u qalet hekk:-
"Jibda biex jinghad illi bhala principju generali, il-ligi u senjatament l-**Artikolu 1002 tal-Kodici Civili** jghid illi "Meta l-kliem ta' konvenzjoni, mehudin fis-sens li ghandu skond l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghal interpretazzjoni."

"Il-principju kardinali li jirregola l-istitut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta` tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda." (A.C. 5 ta' Ottubru, 1998 – **Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Inginier Anthony Spiteri Staines"**).

"Tkompli tghid din is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell "*Illi l-gurisprudenza nostrali hi kostanti filli rriteniet li ma hiex ammissibbli l-prova testimonjali kontra jew in aggjunta ghall-kontenut ta' att miktub u hi talvolta ammessa biex tikkjarifika l-intenzjoni tal-partijiet meta din hi espressa b'mod ambigwu" (Vol. XXXIV.P.III.,p.746)*

"Jintqal inoltre illi "*Il-Qrati jkunu obbligati jinterpretaw il-konvenzjoni meta f'kuntratt il-partijiet ma jkunux spjegaw ruhhom car jew posterjorment ghall-kuntratt jintervjeni avveniment li jkollu bhala konsegwenza kwistjoni li ma tkunx giet preveduta u li kien hemm bzonn li tigi maqtugha, u din ghandha tigi primarjament interpretata skond l-intenzjoni tal-partijiet li jkunu hadu parti fil-kuntratt u li tkun tidher car mill-kumpless tal-konvenzjonijiet"* (Vol. XXIV, P.I., p.27) (ikkwotata fis-sentenza "**Beacom vs Spiteri Staines**" – ibid; "**Suzanne Xuereb vs Gilbert Terreni" –** P.A. RCP. 12 ta' Lulju 2001; "**Anton Spiteri vs Alfred Borg"** – P.A. RCP. 30 ta' Novembru 2000;

[3] Fol. 17 tas-sentenza appellata – fol. 155 tal-process.

“**Emanuel Schembri vs Leonard Ellul”** – P.A. RCP 30 t’Ottubru 2001).

“Jirrizulta, u din hi anke r-*ratio* tal-ligi, (**art. 1004 tal-Kodici Civili**) illi l-interpretazzjoni li trid tinghata, meta klawsola tista’ tfisser haga w ohra, din ghandha tinftiehem dik il-haga li biha jista’ jkun hemm xi effetti milli dik il-haga li biha ma seta’ jkun hemm ebda effett. Disposizzjoni li tirrifletti l-principju “*in dubiis interpretatio capienda est, ut dispositio potius valeat quam pereat.”*

“Kif diga` inghad iz-zewg partijiet qed jaghtu interpretazzjoni differenti ta’ klawsola fl-imsemmi kuntratt. F’dan ir-rigward, il-Qorti rat id-dokumenti kollha u waslet ghas-segwenti konkluzjoni.”

Minn dawn il-konsiderazzjonijiet ta’ natura strettament legali jidher li l-ewwel Qorti kienet tal-fehma li, ghalkemm kien hemm divergenza bejn il-kontendenti dwar l-obbligi naxxenti mill-kuntratt, ma kienx kompitu taghha li tipprova tinterpreta dak li riedu jghidu l-kontraenti u dana billi l-kliem tal-kuntratt kien car bizzejjed u ma kienx jehtieg l-intervent taghha biex tistabilixxi dak li mill-kuntratt kien jirrizulta car. Infatti proprju fil-bidu nett tal-konsiderazzjonijiet taghha dwar din il-vertenza l-ewwel Qorti qalet espressament hekk:-
“Illi mid-dokument esebit a fol. 13 jirrizulta illi hemm diversi kolonni, fosthom hemm tnejn intestati “*Coverage Time”* u “*No. of Cleaners*”. Illi fejn il-hinijiet indikati hemm n-numru ta’ *cleaners* rikjesti.”

Wara li hawn irriproduciet estratt mill-imsemmi dokument il-Qorti ta’ prim istanza kompliet hekk:
“Illi hija cara li l-intenzjoni ta’ l-awtoritajiet kellha tkun illi kellu jkun hemm dawn il-haddiema prezenti waqt il-hinijiet stipulati. B’hekk jekk wiehed jghodd il-haddiema kollha indikati fi Blokk 2, 3 u 4 jirrizulta illi kellu jkun hemm prezenti kuljum disgha u sebghin haddiem.”

Wara li qalet hekk dik il-Qorti kompliet taghti ragunijiet ghaliex waslet ghal din il-konkluzzjoni.

Is-socjeta` appellanti ma qablitx ma' din l-interpretazzjoni billi qed issostni li qari attent tal-kuntratt kien iwassal lill-ewwel Qorti ghall-interpretazzjoni differenti.  Infatti fir-rikors ta' l-appell qed jinghad illi:-

1. **L-iskeda annessa mal-kuntratt kienet biss indikativa ta' l-ammont ta' nies rikjesti u mhux tassattiva**.

In sostenn ta' din is-sottomissjoni qed jigi rilevat li l-obbligu principali ta' l-attur kien li s-swali in kwistjoni jinzammu nodfa u li konsegwentement, dement li dan l-obbligu jigi ezawrit, l-indikazzjoni ta' nies rikjesti biex jezegwixxu dan ix-xoghol kienet haga sekondarja.  Din is-sottomissjoni mhux accettabbli billi, kif gia` inghad hawn fuq, ghalkemm huwa minnu li l-iskop principali tal-kuntratt in kwistjoni kien dak li s-swali jinzammu fi stat nadif, dan ma jfissirx li l-kuntrattur jista', *di sua sponte*, jagixxi bhala arbitru fid-determinazzjoni tan-numru ta' nies mehtiega ghall-ezekuzzjoni tal-kuntratt.  In-numru ta' nies mehtiega kien gie determinat *a priori* minn min kien qed jghati x-xoghol u s-sejha ghall-offerti kienet tindika specifikatament in-numru ta' nies mehtiega.  Infatti dan ir-rekwizit jirrizulta car mix-xhieda tad-Direttur tal-Kuntratti li, wara li spjega r-raguni ghaliex it-tender originali ma setghax jigi aggudikat, kompla jghid li sabiex l-aggudikazzjoni tkun trasparenti u gusta sar studju sabiex jigi stabbilit "a) l-inqas numru ta' haddiema li kienu meqjusa mehtiega kuljum biex il-kuntrattur izomm l-isptar nadif, u b) in-numru ta' impjegati full time mehtiega ghal kull sala, etc ta' l-Isptar bejn il-hinijiet indikati fit-tender kif originarjament mahruga."  Dan hu rifless bl-aktar mod car fl-ittra tad-19 ta' Gunju, 1997 mibghuta minn Anthony Borg, ghad-Direttur tal-Kuntratti lis-socjeta` attrici, fejn jinghad li "Government has decided that, in order to ensure strict fairness and objectivity in the award of this contract, the price scheduled should be amended to provide the tenderers with a clear idea of both the entity of the contract and <u>in particular the number of personnel that have to be regularly deployed on the job</u> (sottolinear ta' din il-Qorti) by the successful bidder and the number of hours which these same personnel are expected to be

present and available for duty in the repective work areas.” Huwa rilevanti li jinghad li din l-ittra ntbaghtet wara li t-tender originali, li kien gie sottomess mis-socjeta` attrici, flimkien ma ohrajn, fil-1996, ma giex aggudikat. Id-dicitura f’din l-ittra flimkien mas-*shedule* li akkompanja l-“*fresh tender documents*” li ntbaghtu lis-socjeta` attrici ma kellu jhalli ebda dubbju f’mohh it-*tenderers* dwar x’kien qed jitlob id-Direttur tal-Kuntratti.

L-ezercizzju msemmi mid-Direttur tal-Kuntratti (kif riportat supra) gie eventwalment rifless fl-iskeda li giet annessa mat-tender u li naturalment kienet tifforma parti minnu. Din l-iskeda kienet mhux biss tindika n-numru ta’ l-impjegati mehtiega fis-swali u fil-hinijiet specifici, izda wkoll serviet ta’ gwida lit-“tenderers” meta dawn gew biex jaghmlu l-kalkoli taghhom dwar l-ispiza mehtiega biex jigi ezegwit il-kuntratt li eventwalment kien ser jigi aggudikat. Infatti mid-dokument a fol. 13 u 14 tal-process (skeda annessa mat-tender) jirrizulta li s-socjeta` attrici, waslet ghall-valur ta’ dak li kienet qed tissottometti wara li hadet in konsiderazzjoni n-numru ta’ nies li kienu ndikati bhala mehtiega mid-dipartiment u l-hinijiet tax-xoghol, u dana billi ndikat is-salarji rikjesti. Effettivament it-tender inghata bil-prezz globali ta’ LM296,000 liema ammont jirraprezenta l-ammontar tas-salarji li l-istess socjeta` attrici kienet ser tiddebita lill-kontro parti ghall-perjodu kollu tal-kuntratt. Fic-cirkostanzi din il-Qorti ma tistax tifhem kif wara dan kollu s-socjeta` attrici ppretendiet li dak li kien intqal lilha fl-ittra tad-19 ta’ Gunju, 1997[4] u sussegwentement inkorporat fl-iskeda annessa mat-tender documents kellu jigi nterpretat bil-mod kif qed tippretendi f’dawn il-proceduri.

3. **Li ma kienx hemm inadempjenza.**

Qed jigi sottomess li s-socjeta` attrici appellanti adempiet l-obbligi taghha msemmija fil-kuntratt. Dwar din l-allegazzjoni din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qal l-istess Raymond Fenech fl-affidavit tieghu, u liema xhieda giet ukoll riprodotta fis-sentenza appellata u cioe:

[4] Fol. 11 tal-process.

"Jiena fid-9 ta' Settembru baghat 53 haddiem ghax-xoghol pero` komplessivament kont impjegajt iktar minn disghin haddiem ghall-kuntratt. B'dawn id-disghin haddiem stajt niggarantixxi li nibghat bejn 50-60 haddiem kuljum."

Issa skond l-iskeda a fol. 13 tal-process jidher car li ghall-blocks 2, 3 u 4 li gew aggudikati lis-socjeta` attrici, kien mehtieg li jintbaghtu 79 impjegat. *Ex admissis* ghalhekk jidher li, u in vista ta' dak li ntqal hawn fuq, is-socjeta` attrici kienet inadempjenti mill-ewwel gurnata ta' l-ezekuzzjoni tal-kuntratt. Apparti din l-ammissjoni hemm il-korrispondenza skambjata[5] u ghalhekk dan l-aggravju mhux gustifikat.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tas-socjeta` attrici qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici appellanti.

Deputat Registratur
df

## APPENDICI "A"

Kopja tas-sentenza moghtija fid-29 ta' Novembru 2001, qeghdha tigi annessa ma' din is-sentenza biex tifforma parti integrali minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[5] Ara Dok. G u Dok. H a fol. 26 u 27 tal-process.